## Tislima lil seħibna JOE ZAMMIT - apprezzament minn Horace Muscat

Ħafna kienu jafuh b'Joe. Ħafna aktar kienu jafuh b'Paskutti. Illum, Joe Zammit m'għadux aktar magħna. Tista' tgħid li l-ħin kollu kont issibu l-Każin u bosta jiftakruh fil-bieb tal-banka tal-lottu. Ir-rabta tiegħu mal-Każin San Gejtanu nistgħu ngħidu li bdiet meta hu kien għadu daqsxejn ta' tifel jew ġuvnott, meta s-sala l-kbira t'isfel kienet il-mekka tal-logħob tat-Table Tennis fil-gżejjer Maltin.

Huwa minbarra li kien jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet ta' l-Individwali, li kienu jsiru f'din il-logħba, kien laħaq livell li wasslu jkun f'ċerti okkażjonijiet parti minn timijiet li laghbu f'isem l-Għaqda. Tant din il-logħba kienet popolari fil-Każin li ġieli l-Għaqda kellha erba' timijiet jikkompetu taħt l-ismijiet St. Gaetan A u St. Gaetan B, u Thiene A u Thiene B.

Wara xi żmien Joe Zammit beda joħroġ għall-Kumitat ta' l-Għaqda u ġie elett ħafna drabi. Kariga li żamm għal żmien mhux ħażin kienet dik ta' Assistent Segretarju fejn serva ma' diversi Segretarji li kellha l-Għaqda. Wasal ukoll biex serva lill-Għaqda bħala Uffiċjal meta għal perjodu ta' madwar sentejn okkupa l-kariga ta' Kaxxier.

Li hu żgur hu l-fatt li Joe Zammit hu wieħed minn dawk li ta ħafna mill-ħin tiegħu lill-Għaqda tagħna, mhux biss b'kontribut f'xogħol konness mal-karigi li kellu, iżda wkoll bil-preżenza tiegħu fil-Palazz Thiene, ħaġa li hi meħtieġa iżda li sfortunatament mhux kulħadd jifhimha. Sabiħ kemm hu sabiħ każin, l-isbaħ li jkun hu meta jkun mimli bl-imsieħba tiegħu. Joe din kien iħossha u għalhekk kont tarah dejjem preżenti. Meta baqax aktar jifforma parti mill-Kumitat Joe xorta baqa' jagħti servizz lill-Għaqda permezz ta' sehem f'numru ta' Bordijiet jew Kummissjonijiet.

Il-mewt serqitu magħha ftit ħin biss wara li kien għadu kif ħalla l-Każin. Sabitu f'daru, iżda li kieku Joe dakinhar fettillu jdum naqra oħra l-Każin, kien jgħaddi għar-raqda dejjiema fil-post li tant ħabb u li tant għex fih – il-Palazz Thiene.

Lil Joe ma ninsuhx u nitolbu għal ruħu. Nirringrazzjawh li ta qalbu lil din l-Għaqda tagħna.




Reborn
BAR
Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)
We specialize in
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks
Tel 21224921
*Open on week days from 6.00 am onwards*